MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 687/2007

**Mizzi Automotive Services Ltd**
**(C-23949)**

**vs.**

**AC Cars Manufacturing Ltd (C 30159) u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2007 gew appuntati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta' konvenuta u b'nota tat-23 ta' Novembru 2007 John Francis Owen (Passport Number 302598767) assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tas-socjeta' intimata u b'digriet tat-3 t'April 2008 il-kuraturi deputi gew estromessi mill-atti tal-kawza; u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2009 l-isem tas-socjeta' konvenuta gie mibdul ghal dak ta'  Hal Far Auto Manufacturing Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat r-rikors guramentat tas-socjeta' attrici ppresentat fil-25 ta' Gunju 2007 (a fol. 1) fejn premettiet li:

Illi peress li s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tnejn u tletin elf, mija u sebgha u hamsin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm32,157.86) inkluz VAT, rappresentanti prezz ta' *spare parts* mibjugha lis-socjeta' konvenuta u li qatt ma thallsu;

Illi peress li ghalkemm interpellata biex thallas, anke ufficcjalment, is-socjeta' konvenuta bqaghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont mitlub ghadu dovut;

Illi peress li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-**artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili**;

Illi peress li safejn jaf l-esposent, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjoni x'taghtu kontra t-talbiet attrici;

Illi peress li ghalhekk s-socjeta' esponenti kellha tistitwixxi din il-procedura;

Illi ghaldaqstant is-socjeta' attrici tablet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

**1.** Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-**artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;**

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnejn u tletin elf, mija u sebgha u hamsin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm32,157.86) inkluz VAT, rappresentanti prezz ta' *spare parts* mibjugha lis-socjeta' konvenuta u li qatt ma thallsu;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 t'Ottubru 2005 (numru 4413/05), tal-mandati kawletatorji ta' qbid u

ta' sekwestru li gew ppresentati kontestwalment u bl-imghax mill-20 t'Ottubru 2005, data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti esebiti mal-istess rikors guramentat.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Lulju 2007.

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta tad-9 ta' Lulju 2007 (a fol 10) fejn talbet lill-Qorti sabiex tiddiferixxi s-smiegh tar-rikors ghal data ohra vicina sabiex is-socjeta' konvenuta tkun tista' formalment tahtar u tinnomina persuna biex tirrapprezenta l-interessi taghha fil-kawza u tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet kontestati tas-socjeta' rikorrenti.

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Lulju 2007 (a fol 14) fejn laqghet it-talba da parti tas-socjeta' attrici ghan-nomina ta' kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2007 (a fol 17) fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) jum lis-socjeta' konvenuta ghall-presentata tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta' John Francis Owen datata 23 ta' Novembru 2007 (a fol 19) li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza sabiex jippresenta lis-socjeta' intimata, minflok il-kuraturi deputati l-Avukat Beppe Fenech Adami et.

Rat id-digriet taghha tat-3 t'April 2008 (a fol 19A) fejn ordnat li John Francis Owen fil-kwalita' tieghu premessa jigi indikat fl-okkju tal-kawza b'dan li konsegwentement jigu  l-estromessi l-kuratur deputati mill-atti tal-kawza.

Rat ir-risposta guramantata tas-socjeta' intimata AC Cars Manufacturing Limited datata 23 ta' Novembru 2007 fejn eccepiet:-

(1) Illi John Francis Owen huwa awtorizzat jirrappresenta lis-socjeta' konvenuta f'dawn il-procedura u huwa edott mill-fatti tal-kaz;

(2) Illi fl-ewwel lok, it-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors hija ferm eccessiva u esagerata stante illi l-*ispare parts* illi fil-fatt gew mibjugha u kkunsenjati lis-socjeta' konvenuta jammontaw ghal cifra ferm izghar u cioe' somma ta' circa hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) u mhux tnejn u tletin elf, mija u sebgha u hamsin liri Maltin (Lm32,157) kif qed jigi allegat;

(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tar-rimanenti *spare parts* illi taghhom qed jigi pretiz il-hlas, ma kien hemm l-ebda ftehim kuntratwali ta' bejgh bejn il-kontendenti u s-socjeta' intimata ma tat l-ebda struzzjonijiet lis-socjeta' rikorrenti sabiex tbiegh lis-socjeta' intimata l-*ispare parts* hemm indikati, liema spare parts fil-fatt qatt ma gew trasferiti u lanqas ikkonsennjati lis-socjeta' intimata u fil-fatt ghadhom fil-pussess tas-socjeta' rikorrenti;

(4) Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi il-kontendenti kienu lahqu ftehim specifiku bejniethom fis-sens illi s-socjeta' intimata thallas biss ghal prodotti illi jigu kkunsenjati fuq ordni ta' l-istess socjeta' intimata minn zmien ghal zmien u skont il-htiega, liema ftehim intlahaq fl-isfond ta' l-involviment ta' direttur tas-socjeta' rikorrenti, u cioe' Maurice Mizzi, bhala beneficjarju tas-socjeta' intimata. Is-socjeta' rikorrenti hija ben konxja ta' din il-ftehim;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-verbali kollha tas-seduti nkluz dak tal-25 ta' Gunju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm esebita.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi Maurice Mizzi, direttur tas-socjeta' attrici xehed fl-affidavit tieghu datat 18 ta' Dicembru 2007 (a fol 24) li jaf li s-socjeta' konvenuta ordnat minghand is-socjeta' attrici diversi *spare parts* ghall-vetturi partikolari li din is-socjeta' kienet qeghda tibni hawn Malta u li kellhom jigu esportati. Ghalkemm saret konsenja ta' xi *parts*, baqa' ghand is-socjeta' attrici kwantita' sostanzjali ta' *parts* li s-socjeta' konvenuta la qatt hadet konsenja taghhom u lanqas hallset taghhom.

Illi l-istess Maurice Mizzi jkompli jixhed hekk:-

*"il-ftehim li naf li kien hemm bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta kien fis-sens illi peress illi kien hemm diga' somma sostanzjali dovuta lis-socjeta' attrici ghal dawk il-parts li kienu gew konsenjati lis-socjeta' konvenuta ma kenitx ser issir konsenja ta' parts aktar jekk ma jsirx pagament cash ghalihom. Dan ma kienx ifisser illi ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta ma kinetx obbligata li thallas ghall-parts li ordnat izda kif ghidt kien ifisser biss illi ma kenitx ser tinghata parts li ma kenitx ser thallas ghalihom. Irrid nghid ukoll illi l-parts li ordnat is-socjeta' konvenuta kienu specjali u ma kienux jiffittjaw u ma setghux jintuzaw ghall-vetturi ohra li hawn fis-suq".*

Illi din ix-xhieda hija kkonfermata minn Saviour Galea, li jahdem bhala *Operations Manager* mas-socjeta' attrici u ilu f'din il-kariga mill-2002 fejn huwa xehed fl-affidavit tieghu datat 4 ta' Jannar 2008 (fol. 25/26) li:-

*"kull ordni li saret kemm ghall-parts li nxtraw minn sorsi barranin kif ukoll dawk lokali dejjem saru wara li s-scojeta' konvenuta pprezentat lis-socjeta' attrici bil-Purchase Orders rilevanti. Dawn il-purchase orders kienu jindikaw kemm il-prezz kif ukoll id-dati li dawn il-parts kellhom jigu konsenjati".'* Dan ix-xhud ipprezenta kopja ta' dawn il-

*purchase orders* (Dok. “C1” sa Dok. “C26” – fol. 27 sa fol. 51).

Illi skont dan ix-xhud fil-bidu tal-process ta’ dawn it-transazzjonijiet il-procedura kienet li malli jaslu f’Malta l-i*spare parts*, is-socjeta’ attrici kienet tinforma mmedjatament lis-socjeta’ konvenuta u tikkonsenja l-istess *parts* lis-socjeta’ konvenuta mill-aktar fis possibli. Din il-konsenja kienet tigi kkonfermata u accettata bil-firma fuq l-*invoice* tal-persuna li tirceviehom ghand is-socjeta’ konvenuta f’Hal Far.

Illi Saviour Galea sostna li *“Dan il-process baqa’ sejjer sakemm is-socjeta’ konvenuta ma baqghetx taghmel pagamenti regolari. Naf li saru diskussjonijiet bejn is-Sur Maurice Mizzi u rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta u in segwitu l-istruzzjonijiet li kelli minghand is-Sur Mizzi kienu fis-sens illi l-konsenja tal-parts ordnati kellha ssir biss jekk isir hlas taghhom mal-konsenja. Dan ma kienx ifisser li s-socjeta’ konvenuta ma kenitx obbligata thallas tal-parts kollha li ordnat izda kien ifisser biss illi ma kenitx ser issir konsenja jekk ma jsirx pagament. Di fatti meta rajna li baqghu ma hallsux tal-parts ordnati u mhux konsenjati ahna bghatnilhom ittra permezz tal-avukat Dr. Louis DeGabriele sabiex jhallsu taghhom izda xorta baqghu ma hallsux”.*

Illi s-socjeta’ konvenuta pprezentat affidavit ta’ Alan Lubinsky datat 27 ta’ Gunju 2008 (fol. 67) li kien direttur fis-socjeta` konvenuta u kkonferma li kienet saret laqgha bejnu, Mike Hall (li kien azzjonista tas-socjeta’ konvenuta) u Maurice Mizzi. Dwar din l-istess laqgha kull ma’ jghid huwa biss li, *“Maurice Mizzi offered to assist the AC Manufacturing Ltd cash flow by supplying parts that Mizzi Automotive Services had purchased on behalf of AC Cars Manufacturing Ltd, in stock as requested by AC with payment prior to delivery. This process was adhered to”.*

Illi jirrizulta mhux kontradett mis-socjeta’ konvenuta li l-*purchase orders* li jinstabu fil-process u mmarkati Dok. “C1” sa “C26” huma fil-fatt ordnijiet li nhargu min-naha tas-socjeta’ konvenuta u li effettivament gew ordnati mis-

socjeta' attrici konsegwenti ghall-istess struzzjonijiet min-naha tas-socjeta' konvenuta, u b'hekk intizi ghall-istess socjeta' konvenuta u ghalhekk jirrizulta li f'dan ir-rigward l-allegazzjonijiet attrici kif indikati fir-rikors guramentat gew ippruvati.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandu jigi rilevat li l-stess socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma' pprovat li s-somma li qed tintalab mis-socjeta' attrici hi eccessiva u ezagerata. Lanqas ma gie ppruvat, dejjem mis-socjeta' konvenuta, li l-prezz tal-i*spare parts* in kwistjoni kien ta' *circa* hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) (€11,646.87) u mhux ta' tnejn u tletin elf, mija u sebgha u hamsin liri Maltin (Lm32,157) (€74,905.66) kif qed tippretendi s-socjeta' attrici, tant li jidher li mid-dokumenti esebiti l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta.

Illi barra minn dan, mill-provi prodotti jirrizulta, li kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar il-bejgh ta' l-*ispare parts* in kwistjoni fejn ghal bidu dan kien li s-socjeta' konvenuta kienet thallas wara l-konsenja tal-*ispare parts* izda imbaghad meta s-socjeta' konvenuta naqset milli taderrixxi ruhha mal-istess, kien sar ftehim li l-hlas isir mal-konsenja tal-istess oggetti – u dan johrog car mill-affidavit ta' Alan David Lubinsky li jghid li l-pagament *da parte* tas-socjeta' konvenuta kellu jsir qabel ma' ssir il-konsenja tal-istess parts. Fil-fatt jekk wiehed jara Dok. “C1” jinnota illi s-socjeta' konvenuta kienet ffirmat dokument bil-lista tal-i*spare parts* konsenjati izda s-socjeta' attrici ma kienetx irceviet hlas ghal din il-konsenja.

Illi peress li s-socjeta' attrici ma kinetx thallset tal-*parts* effettivament ikkonsenjati, s-socjeta' attrici ddecidiet, u dan bi ftehim mas-socjeta' konvenuta, li ma kellhiex issir konsenja tal-*parts* ordnati u destinati lis-socjeta' konvenuta kemm-il darba, is-socjeta' konvenuta ma thallasx l-ewwel ghall-istess *parts* u dan qabel il-konsenja taghhom, u peress li eventwalment is-socjeta' konvenuta ma jidhirx li kienet fil-posizzjoni li thallas l-istess *parts* minnha ordnati dawn baqghu ghand is-socjeta' attrici

skont il-ftehim milhuq bejniethom, u dan ghalkemm l-istess socjeta’ attrici kompliet tircievi l-ordnijiet minghand is-socjeta’ konvenuta u effettivament tixtri l-*ispare parts* ordnati fuq struzzjonijiet taghha.

Illi ghalhekk jirrizulta li effettivament kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar in-negozju mertu tal-kawza odjerna u dan fis-sens li kien hemm ordni mis-socjeta’ konvenuta sabiex is-socjeta’ attrici tbiegh lis-socjeta’ intimata l-*ispare parts* imsemmija. Illi eventwalment fil-kors tal-istess transazzjonijiet ta’ bejgh konsegwenti ghan-negozju in kwistjoni, kif gja’ spjegat, il-partijet ftehmu li qabel ma ssir il-konsenja tal-*ispare parts* ordnati mis-socjeta’ konvenuta sabiex jigi suppliti mis-socjeta’ attrici, l-istess socjeta’ konvenuta kellha l-ewwel thallas il-prezz tal-istess oggetti li kellhom jigu wara lilha konsenjati. Ghalhekk jirrizulta li l-istess oggetti gew effettivament ordnati mis-socjeta’ konvenuta u gew ukoll lilha mibjugha. Il-fatt li s-socjeta’ attrici ma ghamlitx il-konsenja, kien dovut ghal-ftehim milhuq bejn il-partijiet, li qabel ma’ ssir tali konsenja kellu jsir il-hlas tal-istess mis-socjeta’ intimata, u dan sar minhabba problemi li s-socjeta’ konvenuta jidher li kellha ghall-hlas ta’ l-istess. F’dan is-sens kien il-ftehim mas-socjeta’ konvenuta, izda dan ma ffissirx illi s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex thallas ghall-*spare parts* li s-socjeta’ attrici xtrat fuq ordni tal-istess socjeta’ konvenuta.

Illi hu minnu, u dan gia gie rilevat fil-presenti sentenza, li l-kontendenti kienu lahqu ftehim specifiku bejniethom fil-kors ta’ dan in-negozju. Izda jirrizulta b’mod konvincenti u ppruvat mill-atti kollha tal-kawza li dan il-ftehim kien fis-sens li qabel ma ssir il-konsenja tal-*ispare parts* is-socjeta’ konvenuta kellha l-ewwel thallas il-prezz tal-istess *spare parts*. Il-ftehim ma kienx, kif qed tallega issa s-socjeta’ konvenuta, fis-sens li l-istess socjeta’ konvenuta kellha thallas ghall-prodotti kkunsinjati fuq l-ordni ta’ l-istess socjeta’ konvenuta biss. Ghalhekk ma jirrizultax li kien sar ftehim bejn il-partijiet, wara li kien inghata bidu lin-negozju in kwistjoni, li socjeta’ konvenuta kellha thallas biss *“on consignment basis.”*

Illi konsegwentement l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda u t-talba attrici qed tigi milqugha kif hawn deciz.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta **tilqa' t-tieni talba tal-istess socjeta` rikorrenti** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sebghin elf, disa' mija u sebgha ewro u sitta u sittin centezmu (€74,907.66) ekwivalenti ghal tnejn u tletin elf, mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm32,157.86) inkluz VAT, rapprezentanti l-prezz ta' *spare parts* mibjugha lis-socjeta' konvenuta u li qatt ma thallsu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 t'Ottubru 2005 (numru 4413/05), tal-mandati kawletatorji ta' qbid u ta' sekwestru li gew pprezentati kontestwalment u bl-imghax legali mill-20 t'Ottubru 2005, data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------